SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 58-19**

**17 ta' Mejju 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea - Kunsilliera
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**58.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

**58.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' appoloġiji peress li kulħadd kien preżenti għall-laqgħa.

**58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 57-19**

**58.2.1** ***Kwotazzjoni biex jinbidel it-taraġ tal-irħam f'Dawret it-Torri u fl-entratura tal-Kunsill***

Is-Sindku irrefera għall-minuta 57.3.1 u qal li issa lit-taraġ kien lest, irid isir poġġaman u saret referenza għall-kwotazzjoni ta' poġġaman tal-i*stainless steel*. Ġie propost li għandha tinġieb kwotazzjoni oħra fuq dan it-tip ta' poġġaman.

**58.3 Komunikazzjonijiet**

**58.3.1** ***Proġett Crossover***

Il-Kunsill iddiskuta l-avveniment marbut ma' dan il-Proġett li ser isir fix-xahar ta' Ġunju 2019 f'Budapest. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Joe Bonello qalu li ser jattendu. Il-Kunsill qabel li jsiru l-arranġamenti għax-xiri tal-biljetti tal-ajru u tinħareġ *subsistance allowance* skond il-proċeduri stabbiliti.

**58.3.2** ***Survey Sparar tal-Festa***

Il-Kunsill iddiskuta rapport ta' *survey* li sar fuq l-isparar tal-festi u l-impatt fuq ir-residenti ta' Santa Luċija. Saret diskussjoni fit-tul u l-Kunsill ħa inkonsiderazzjoni r-riżultati li ħarġu minn dan is-*survey*. Ġie deċiż li kopja ta' dan ir-rapport għandha tintbgħat lill-Onor. Owen Bonniċi Ministru Għall-Ġustizja, Kultura u Gvern Lokali, lill-Onor Silvio Parnis, s-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja u Gvern Lokali u lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

**58.3.3** ***Proposta Day Care Centre***

Il-Kunsill iddiskuta proposta li irċieva mid-Dipartiment tal-Anzjanita' Attiva u Kura fil-Komunita' liema proposta titkellem fuq il-bżonn ta' titjieb b'mod partikulari fil-kċina minħabba raġunijiet ta' sanita'. Ġiet innutata lista tax-xogħolijiet u l-spiża nvoluta. Fil-proposta tiegħu d-Dipartiment ippropona li din l-ispiża tinqasam bejn il-Kunsill u d-Dipartiment. Għandha tiġi kkordinata laqgħa f'dan ir-rigward.

**58.3.4** ***Ċirkulari AKL 2019-012- Ħatra ta' DPO Temporanju***

Il-Kunsill iddiskuta din iċ-Ċirkulari u qabel li jinkariġa l-avukat li qed jipprovdi servizz legali lill-Kunsill bħalissa biex ikun id-DPO tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkun qed tressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-ispiża nvoluta għal dan is-servizz.

**58.3.5** ***Management Letter***

Il-Kunsill iddiskuta l-*Management Letter* mibgħuta mill-Awdituri li wettqu l-awditjar tal-finanzi tal-Kunsill għas-sena 2018. Saret diskussjoni u s-Segretarju Eżekuttiv spjegat xi punti li jidhru fil-*Management Letter* u kif ser tkun it-tweġiba tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel lis-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat it-tweġiba għall-*Management Letter* u tibgħat kopja tagħha lill-membri tal-Kunsill.

**58.3.6** ***SPI SCI.9.2019 – Skema ta' Finanzjament għal-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita'***

Is-Sindku semma l-iskema annessa u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tara kif il-Kunsill jista' jibbenifika minn din l-iskema.

**58.3.7** ***Ġieħ Santa Luċija***

Il-Kunsill iddiskuta l-għoti tal-unur ta' Ġieħ Santa Luċija u Honorary Citizen għas-sena 2019. Fuq proposta tal-Viċi Sindku l-Kunsill qabel li l-premju Honorary Citizen lid-Direttur taċ-Chinese Mediterranean Regional Centre for Traditional Chinese Medicine. Il-Kunsill qabel ukoll li jinħareġ avviż għan-nominazzjonijiet mir-residenti għal dan il-premju.

**58.3.8** ***Ikla ta' ringrazzjament lill-Ħaddiema***

Il-Kunsill qabel li peress li l-ikla tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena baqgħet ma saritx, għandha issir issa u titqies ukoll bħala ringrazzjament lill-ħaddiema fi tmiem din il-Leġislatura.

**58.4 Messaġġi ta' Awguri**

**58.4.1** ***Messaġġ mill-Kunsilliera Caroline Galea***

Il-Kunsilliera Caroline Galea indirizzat lis-Sindku u l-Kunsilliera. Hija qalet li billi ma kinitx ser tikkontesta fl-elezjoni tal-Kunsilli Lokali f'Mejju 2019, xtaqet tgħaddi l-awgurju u r-ringrazzjamenti tagħha fi tmiem din il-legislatura. Hija qalet li ġiet eletta tlett darbiet konsekuttivi f'isem il-Partit Nazzjonalista u ta' dan xtaqet tirringrazzja lir-residenti tal-fiduċja tagħhom matul dawn it-tnax il-sena u rringrazzjat ukoll il-familja tagħha tas-sostenn u kuraġġ kontinwu. Is-Sinjura Galea rringrazzjat lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha għat-tmexxija tajba tal-amministrazzjoni tal-Kunsill.

Irringrazzjat ukoll lill-Kunsilliera u wriet l-apprezzament tagħha għal fatt li anki meta kienet l-unika Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista f'dan il-Kunsill, hija ingħatat l-ispazju li taħdem f'dan il-Kunsill u tesprimi ruħa f'din is-sedja bl-aktar mod liberu. Hija awgurat lill-membri ta' dan il-Kunsill għall-elezzjoni li ġejja u appellat li Kunsill ġdid iżomm l-ambjent fuq nett tal-aġenda tiegħu.  Hija għal darb'oħra awgurat  suċċess eletorali u ħidma sfieqa biex il-lokalita' ta' Santa Luċija jkollha l-aqwa u l-aħjar.

**58.4.2** ***Messaġġ mill-Kunsillier Liam Sciberras***

Il-Kunsillier Liam Sciberras beda biex irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha li jwettqu xogħol bla waqfien mingħajr daqq ta' trombi.  Huwa qal li beda il-ħidma tiegħu bħala Kunsillier erba' snin ilu grazzi għar-residenti li wrew fiduċja fih. Is-Sur Sciberras qal li meta beda kien jaf l-aspett legali tal-Kunsilli Lokali, iżda llum il-ħajja tat-triq għalmitu ħafna. Huwa qal li l-Kunsill Lokali mhux qegħdin biss għall-manutenzjoni iżda jrid ikun hemm viżjoni.  Huwa qal li f'dan il-Kunsill kulħadd irnexxielu jagħti kontribut.  Is-Sur Sciberras tkellem fuq tlett punti u beda biex semma kif hu kien iffoka l-aktar fuq l-aspett soċjali.  Huwa qal li kellu ħafna għal qalbu x-xogħol maż-żgħażagħ u l-impenn tiegħu biex twaqqfet il-Fondazzjoni Right to Smile. It-tieni punt li għamel kien wieħed ta' ringrazzjament. Huwa rringrazzja lill-Kunsilliera Galea u lill-Kunsilliera l-oħra u saħaq fuq l-importanza li wieħed jisma u jixtar dak li jgħid ħaddieħor. It-tielet punt li għamel kien dwar il-kontinwita' u semma kif l-ewwel kien hemm is-Sur Cutajar u mbagħat is-Sur Ellul u komplejna fuq it-tajjeb u rrangajna fejn kien hemm bżonn.  Huwa qal li l-Kunsilliera ta' dan il-Kunsill għandhom jibqgħu saqajhom mal-art u jisimgħu lin-nies u jieħdu deċiżjonijiet viċin in-nies għal ġid tal-kommunita' ta'  Santa Luċija.

**58.4.3** ***Messaġġ mill-Kunsillier Joe Bonello***

Is-Sur Bonello sellem lis-Sinjura Galea u awguralha.  Huwa qal li bħala Kunsillier dejjem ħares lejn il-ġid ta' Santa Luċija.  Huwa semma l-fatt li f'dan il-Kunsill rari jittieħed vot.  Huwa rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha u irringrazzja wkoll lis-Sindku.  Huwa rringrazzja wkoll lill-Viċi Sindku u qal li ilu jaħdem miegħu f'dan il-Kunsill għal tlett legislaturi sħaħ u minnu kien tgħallem ħafna.  Is-Sur Bonello sostna li ser jibqa miexi b'saqajh mal-art u jitlob l-Alla li jagħtih is-saħħa ħalli jkompli jaħdem.  Huwa awgura lill-membri tal-Kunsill għal elezzjonijiet u awgura success ukoll lill-kandidati l-ġodda.

**58.4.4** ***Messaġġ mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar***

Is-Sur Cutajar qal li issa ilu ħamsa u għoxrin sena fuq din il-mejda u jħares

lura b'sodisfazzjon kbir grazzi għal ħidma flimkien għal ġid tal-kommunita'. Huwa qal li l-Kunsill huwa xi ħaġa li jħobb u jagħmel dan ix-xogħol bil-qalb. Huwa qal li l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ hija garanzija ta' kontinwita'. Semma wkoll kif fil-Kunsilli Lokali żdiedet ir-responsabbilta' kif ukoll il-fondi tal-Unjoni Ewropea għall-proġetti tal-Kunsill. Is-Sur Cutajar semma il-proġett taċ-Ċentru tal-Kommunita' u qal li l-Kunsill għandu jkompli jisħaq fuq dan il-proġett mal-Gvern Ċentrali. Huwa qal li fuq livell personali xtaq jirringrazzja lis-Sinjura Galea li għalkemm ġejja minn partit politiku differenti dejjem intlaħaq *consensus*. Semma lill-Kunsillier Liam Sciberras u qal li għandu rispett lejh u lejn l-impenn tiegħu fir-Right to Smile. Huwa awguralu kull suċċċess fil-karriera tiegħu. Semma lis-Sur Bonello u sejjaħlu bniendem kuraġġuż filwaqt li rringrazzjah tal-impenn politiku tiegħu. Is-Sur Cutajar tkellem fuq is-Sindku u qal li kien daħal fis-siġġu tiegħu u din kienet xi ħaġa diffiċli wara ħamsa u għoxrin sena. Huwa qal li hawn il-problemi u mhux faċli, semma l-Housing Estates u skemi tal-awtorita' tad-djar immirati biex jgħinu wkoll lill-Kunsill fil-ħidma tiegħu. Huwa qal li japprezza u awguralu. Huwa rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha u rringrazzja wkoll lill-mara tiegħu u stqar lill-membri tal-familja jsiru parti mill-Kunsill ukoll. Huwa rringrazzja lill-Kunsill u awġura lill-kulħadd.

**58.4.5** ***Messaġġ mis-Sindku***

Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera Caroline Galea tal-ħidma tagħha u rringrazzja wkoll l-istaff kollu tal-Kunsill. Huwa tkellem fuq l-esperjenza tiegħu bħala Sindku u qal li tkun għadek ġdid trid titgħallem bl-esperjenza u timmatura. Huwa qal li l-ewwel u qabel kollox tiġi l-lokalita' ta' Santa Luċija u ħadd ma jaħdem għalih innifsu. Huwa semma lill-Kunsillier Liam Sciberras u qal li għamlu ħafna xogħol flimkien. Semma wkoll lill-Viċi Sindku u qal li meta ħadmu flimkien ġabu r-riżultati. Is-Sur Ellul irringrazzja wkoll lill-familja tiegħu tal-appoġġ. Huwa awgura lill-kandidati kollha u awgura li jaħdmu flimkien dejjem bħala *team* għall-Lokalita'. Is-Sur Ellul awgura wkoll lill-kandidati l-ġodda u qal li l-Kunsilliera l-ġodda għandhom jiġu mistiedna jkunu presenti għall-aħħar laqgħa ta' dan il-Kunsill.

**58.4.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju 2019 fil-5.30p.m.

**Konfermati, illum il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju 2019**

| | |
|---|---|
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |